# IT-TIĠRIJA TA' SANTU ROKKU

Lorenzo Zahra

F'Malta ta' l-imgħoddi tista' tgħid li f'kull raħal jew belt kien hawn qima speċjali lejn Santu Rokku biex dan ibiegħed il-mard u l-pesta mill-gżejjer tagħna. L-aħħar pesta qabel il-wasla ta' l-Ordni kienet dik tal-1514 meta allura kienet daħlet il-qima lejn San Sebastjan. Santa Rożalija u Sant Anġlu Karmelitan ukoll daħlu bħala protetturi kontra l-pesta, għax il-qima tagħhom minn Sqallija fi żmien l-epidemja daħlet fostna wkoll.

Fil-1592, kienet l-ewwel darba fi żmien l-Ordni li daħlet il-pesta. Din ġabuha magħhom erba' xwieni tad-duka ta' Toskana li ġew mil-Lvant; kienet bdiet f'Mejju u baqgħet sejra sa Settembru tkaxkar lil min issib. Jgħidu li mietu madwar tliet elef ruħ minn poplu ta' xi seba u għoxrin elf. U tgħidx kemm saru wegħdi, min mas-Santu Kruċ, min ma' Santu Rokku, u min ma bosta qaddisin oħra.

Kien wara din l-epidemja li daħħlet it-tiġrija ta' Santu Rokku. Naturalment il-ferħ x'ħin għaddiet kien kbir, għalhekk, min baqa' ħaj seta' jagħmel ftit ta' l-għors. Kellna l-pesta wkoll fl-1675-1676 li meta spiċċat, l-Universita' waqqfet żewġ proċessjonijiet, waħda f'Santu Rokku u oħra f'Sant Anġlu Karmelitan li kienet tħallas għalihom l-Universita' tal-bliet Valletta, Vittoriosa, Senglea.

It-tiġrija ta' Santu Rokku bdiet issir sena biss wara li għaddiet il-pesta tal-1593, jiġifieri fl-1594. L-Universita' allura kienet tħejji il-paljijiet għar-rebbieħa, u dawn kienu jkunu ta' l-ewwel tal-bellus, it-tieni tas-satin u t-tielet tad-drapp. Kienu ta' lwien differenti, l-ewwel aħmar, it-tieni ċelesti, u t-tielet isfar. It-tiġrija kienet issir minn fejn Sant Elmo, tul Strada Rjali sa Putirjal. It-tiġrija tal-ħmir kienet titlaq minn fejn hemm issa il-bank ta' Lombard, ċioe' Palazzo Savoy. Kienet issir ukoll ġirja jew tellieqa oħra għan-nies. Waħda kienet għall-irġiel, oħra għas-suwed, u oħra għat-tfal.

Dawn kienu jsiru minn Strada Merkanti minn fejn il-knisja tal-Vitorja sas-suq. Naturalment kien hemm ir-regolamenti għall kull tiġrijka u allaħares xi ħadd jaħqar il-bhejjem għax ikun kastigat u skwalifikat. Ħaġa nteressanti kienet li kienu jistgħu jieħdu sehem dawk biss suġġetti għall-ordni; jiġifieri dawk il-kjeriċi miżżewġa suġġetti għall-isqof, jew dawk imsejħa patentati suġġetti għall-inkwiżitur ma setgħux jieħdu sehem. Din it-tiġrija kienet tagħmel tajjeb biex tħajjar in-nies li jkollhom il-bhejjem, u bhejjem tajbin, għax dawn kienu meħtieġa għad-difiża ta' Malta.

---